

## I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

## RAKKOMANDEZZJONIJIET

## IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## RAKKOMANDEZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-4 ta' Frar 2013

**lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tas-Central Bank of Cyprus**

**(BĊE/2013/3)**

(2013/C 37/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali jiġu vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat tal-awdituri esterni li għandu bħalissa s-Central Bank of Cyprus ser jintemm wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2012. Huwa għalhekk meħtieġ li jinħatru awdituri esterni sa mis-sena finanzjarja 2013.

- (3) Is-Central Bank of Cyprus għażel lil KPMG Limited bhala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2013 sa 2017,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI:

Huwa rrakkomandat illi KPMG Limited għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni tas-Central Bank of Cyprus għas-snin finanzjarji 2013 sa 2017.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-4 ta' Frar 2013.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI